**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana**

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 43 – Laqgha b'urgenza**

**22 ta' Frar 2019**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fl-ufficcju amministrattiv li jinstab fi Triq Ta' Mulejja fil-6.00pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi-Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Manolita Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill peress li fl-istess hin fis-sala tal-Komunita' kien hemm il-lezzjoni tal-*lifelong learning*.

**43.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji.**

Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija ta' din il-laqgħa. Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

**43.2 Parir Legali rigward hsarat fis-Sala tal-Komunita'.**

L-avukat ma setax ikun prezenti waqt il-laqgha u ghalhekk saret telefonata *viva voce* ma l-istess avukat sabiex il-membri tal-kunsill ikunu jistghu jiddiskutu mieghu. L-avukat gibed l-attenzjoni li fid-dokument tat-*tender* il-Mica Med ma kienx indika fejn suppost li hu kien sejjer jaghmel xi *sub-contracting* tax-xoghol u allura l-istess Mica Med kienet responsabbli ghall-esekuzzjoni totali tat-tender moghti lilha u r-relazzjoni tal-istess Kunsill hija biss mal-Mica Med u mhux ma' terzi li setghu gew imqabbda mill-Mica Med. Il-parir finali tal-avukat kien li l-ahjar mod li nimxu huwa li tigi irritornata il-*performance guarantee*, pero' jitnaqqsu l-ispejjez skond l-istima tal-perit tal-kunsill mill-hlas dovut lil Mica Med.

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv ghandha tiehu id-dokumenti u il-pagament lil avukat tal-kunsill, sabiex jikteb l-ittra bhala risposta ghall-ittra li ircieva l-istess avukat minghand l-avukat tal-Mica Med l-istess gurnata li saret il-laqgha. Ma din l-ittra ser jintbghat il-pagament dovut wara li minnu jitnaqqas l-ammont skond l-istima tal-perit.

**43.3 Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:00p.m.

**IFFIRMATA**
**Saviour Borg**
**Sindku**

**IFFIRMATA**
**Manolita Farrugia**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**